# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 530/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Gordon Grech**

Illum 14 ta' Marzu 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Gordon Grech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 28477(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

f'dawn il-Gżejjer fit-23 ta' Ottubru 2006 u/je f'xi data qabel, xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew taħt il-kontroll tiegħu:

A) 60 kaxxa x 6 fliexken J&B Whisky (1 Ltr)
B) 15-il kaxxa x 6 fliexken Jack Daniels Whisky (1 Ltr)
C) 20 kaxxa x 6 fliexken Averna (0.7 Ltr)

D) 10 kaxxi x 6 fliexken Chivas Regal (0.7 Ltr)
E) 7 kaxxi x 12-il flixkun Bacardi (1 Ltr)
F) Kaxxa x 6 fliexken Bacardi (1 Ltr)

talli wkoll fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija, mal-wasla tiegu f'Malta, naqas li jiddikjara u/jew iħallas id-Dazju u VAT dovuti, fuq l-imsemmi xorb, lid-Dipartiment tad-Dwana;

Is-sigaretti u x-xorb in kwistjoni, li ġew maqbuda bin-Nota ta' Qbid Numru 65/2006 għandhom Valur, Dazju tas-Sisa, Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) kif jidher hawn taħt rispettivament:

| | **Valur** | **Dazju tas-Sisa** | **VAT** |
|---|---|---|---|
| A | Lm 2086.00,0 | Lm 1440.00,0 | Lm 634.68,0 |
| B | Lm 715.00,0 | Lm 360.00,0 | Lm 193.50,0 |
| C | Lm 443.00,0 | Lm 268.80,0 | Lm 128.12 |
| D | Lm 404.00,0 | Lm 168.00,0 | Lm 1023.96,0 |
| E | Lm 398.00,0 | Lm 337.50,0 | Lm 132.39,0 |
| **Total** | **Lm 4046.00,0** | **Lm 2574.30,0** | **Lm 1191.654** |

Dan bi ksur ta' Artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u paragrafu (a) tal-*proviso* ta' Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikoli 16(1)(j) u 17(a) ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Diċembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u paragrafu (a) tal-*proviso* ta' Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikoli 16(1)(j) u 17(a) ta' l-Att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u filwaqt li

kkundannatu xahrejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal sentejn minn dakinhar li ngħatat is-sentenza, ikkundannatu wkoll multa ta' sbatax-il elf, disa' mija u wieħed u disgħin Euro (€17,991) li terz minnha *ossia* ħamest elef, disa' mija u sebgħa u disgħin Euro (€5,997) kienu pagabbli bħala dejn ċivili lid-Direttur Ġenerali (Dwana), bil-bilanċ ta' ħdax-il elf, disa' mija u erbgħa u disgħin Euro (€11,994) jitħallas skont il-liġi. Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska skont il-liġi tax-xorb alkoħoliku eżebiti u ndikati fin-Nota ta' Qbid bin-Numru 65/2006. L-Ewwel Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabilitajiet tiegħu taħt Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2022 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-5 ta' Diċembru 2022 talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha: 1. Tirrevoka dik il-parti tal-istess sentenza, billi minflok issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tiegħu, tilliberah minnhom, w għalhekk tilliberah mingħajr ebda kundizzjoni; 2. mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jidhrilha li m'għandiex tilqa' l-ewwel (1) talba ALTERNATTIVAMENT tirriforma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant u minfllok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-5 ta' Frar 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Diċembru 2022.

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma fil-qosor is-segwenti: l-appellant allura imputat importa *trailer* li fih kien hemm ilma u *toilet paper* (li kienu ddikjarati regolarment) u żewġ *pallets* b'xorb li ngħad li huwa alkoħoliku li ma kienx ġie ddikjarat. Dan ġie osservat mill-uffiċjali tad-Dwana nvoluti meta saret l-ispezzjoni tat-*trailer* u tal-ħatt tiegħu. L-uffiċjali tad-Dwana xehdu quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta'**

Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq is-segwenti erba' aggravji:

- l-ewwel aggravju: "nuqqas tal-aqwa prova";
- it-tieni aggravju: "iffirmar ta' dokumenti mingħajr assistenza legali mhux ammissibbli";
- it-tielet aggravju: "xhieda konfliġġenti";
- ir-raba' aggravju: "l-element ta' proporzjonalita' bejn ir-reat u provi prodotti u l-piena nflitta".

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu (li huwa intitolat "nuqqas tal-aqwa prova"), l-appellant jargumenta li mhux biżżejjed li tiġi eżebita *Letter to Prosecute* u *Seizure Note* u mhux biżżejjed anqas li jitressqu diversi xhieda jelenkaw lista ta' ammonti u deskrizzjoni ta' dak li jidhru fliexken tal-alkoħol mingħajr mal-Prosekuzzjoni tressaq jew titlob nomina ta' espert li jikkonferma effettivament li dawn kienu filfatt likwidi alkoħoliċi. Jargumenta li numru ta' xhieda tal-Prosekuzzjoni għamlu riferenza għal dak li skont huma kien

---

**Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

alkoħol u jgħid li fl-ebda punt tal-proċeduri ma ġew ippreżentati ritratti dwar il-kontenut tal-kaxxi minn barra tal-kontenut tal-istess kaxxi. Jgħid li peress li anqas inħatar espert sabiex jirrelata dwar il-kontenut tal-kaxxi kien jispetta fuq il-Prosekuzzjoni li tippreżenta ritratti tal-kontenut tal-kaxxi u imqar ritratti tal-kaxxi kif instabu. Jisħaq li kien biss ladarba jiġi stabbilit il-kontenut tal-kaxxi li mbagħad kien jispetta lilu biex jipprova li d-dazju kien tħallas jew ma tħallasx. Jargumenta li messha nħatret Inkjesta Maġisterjali fejn il-Maġistrat Inkwirenti kien jaħtar esperti sabiex tiġi preżervata l-evidenza u sabiex jiġi kkonstatat u stabbilit l-oġġett in mertu. Jgħid li fin-nuqqas li ssir Inkjesta Maġisterjali, il-Prosekuzzjoni setgħet titlob sabiex l-evidenza tiġi preżervata u messha talbet in-nomina ta' espert sabiex jeżamina u jirrelata dwar il-kontenut tal-kaxxi. Jirrileva li s-sejbien ta' ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija *o meno* għandha tirriżulta bil-provi eżebiti fil-proċess biss u ċioè fuq il-provi li jkollha quddiemha l-Qorti u mhux fuq dak li tippreżumi li jirriżulta. Jisħaq li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq l-aħjar prova li dak misjub kien fil-fatt fliexken tal-alkoħol fuq bażi ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni u li għalhekk din il-Qorti għandha ssibu mhux ħati ta' dak li ġie mixli bih quddiem l-Ewwel Qorti u li l-Ewwel Qorti sabitu ħati tiegħu.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-persuna mixlija huma veri u dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, paġna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Illi huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna li fi proċediment kriminali, biex persuna akkużata tiġi ddikjarata ħatja, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati *oltre* kull dubju raġjonevoli, ċioè oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi l-atti proċesswali jikkontjenu, fost l-oħrajn, stqarrija (Dok. "YF 1" – *a fol.* 32 *et seq.*) li l-appellant irrilaxxa lill-iSpettur Kevin Borg

fl-24 ta' Ottubru 2006. Ta' min jgħid li din l-istqarrija ġiet meħuda mingħajr mal-appellant mhux talli ma ngħatax żmien sabiex jikkonsulta ruħu ma' avukat, u mhux talli lanqas li l-avukat ma kienx preżenti miegħu waqt it-teħid ta' tali stqarrija, talli l-appellant lanqas biss ingħata d-dritt li jikkonsulta ruħu ma' avukat ta' fiduċja tiegħu. Id-drittijiet appena msemmija ma kienux jeżistu fis-sena 2006 ċioè meta l-appellant irrilaxxa l-istqarrija tiegħu.

Illi għandu jingħad li l-appellant allura imputat xehed quddiem l-Ewwel Qorti fuq għażla tiegħu (*a fol.* 94 *et seq.*). Fix-xiehda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant qal li mar jixtri xi xorb minn Palermo għat-tieġ tiegħu. Jgħid li ma ġarrux hu pero' jgħid li bagħtu b'*container* mill-Italja. Jgħid li mal-wasla tal-*container* f'Malta marru tad-Dipartiment tad-Dwana, raw id-dokumenti u ħadulu dak li kien ordna. Mistoqsi jgħid jekk kienx ġab xorb biss, wieġeb li kien ġab (*a fol.* 96): *"xorb, ilma u affarijiet hekk."* In kontro-eżami kkonferma li kien irrilaxxa stqarrija lill-iSpettur u mistoqsi mill-Ewwel Qorti jekk kellux assistenza legali, wieġeb fin-negattiv.

Illi fid-dawl tal-fatt li l-appellant irrilaxxa l-istqarrija tiegħu fiż-żmien meta ma kienux jeżistu d-drittijiet li ġew introdotti fil-liġi aktar tard u li ġew imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza, b'hekk ma hemmx dubju li din il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija rilaxxata minnu. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li fix-xiehda tiegħu mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant fl-ebda mument ma kkonferma l-istqarrija li huwa kien irrilaxxa. Kieku dan kien il-każ, ġialadarba l-appellant allura imputat kien assistit minn avukat tiegħu meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, kieku s-sitwazzjoni kienet tkun ferm differenti pero' f'dan il-każ l-appellant fl-ebda mument ma kkonferma l-kontenut ta' tali stqarrija. Jista' jagħti l-każ li l-Prosekuzzjoni straħet ħafna fuq l-istqarrija li kien irrilaxxa l-appellant stante li setgħet kienet inkriminanti fil-konfront tiegħu, pero' ġialadarba l-istqarrija in kwistjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata jsegwi li din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel konsiderazzjonijiet dwarha.

Illi din il-Qorti tinnota li waqt is-sottomissjonijiet finali, il-konsulent legali tal-appellant għamel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Vella** (Numru 89/2023) mogħtija fit-23 ta' Mejju 2023 minn din il-Qorti diversament preseduta. Din il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta fl-20 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Xuereb et** (Numru 166/2018) fejn ingħad is-segwenti:

> "Illi t-<u>tielet aggravju</u> li huwa dwar il-merkanzija abbord is-*Sea Lioness*, l-appellanti jissottomettu li biex issib definizzjoni ta' sigarett wieħed irid jaqra Artikoli 4(1) u 7(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 95/59 KE. Din il-Qorti ma taqbilx li ma ġiex ippruvat x'kien il-kontenut li kien hemm fuq is-*Sea Lioness*. Mhux biss hemm in-Noti ta' Qbid iżda hemm ukoll ix-xiehda tal-*Valuation Officer*. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li minkejja dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Borg et** (Numru 312/2018), li din il-Qorti ġiet mistiedna tieħu konjizzjoni tagħha mill-appellanti, din il-Qorti ma tikkondividiex il-linja ta' ħsieb imsemmi fiha fir-rigward ta' inkarigu ta' espert u tinnota li m'hemmx għalfejn jitqabbad espert biex jgħid li oġġett huwa sigarett għax m'hemmx bżonn li ssir prova ta' affarijiet li jitkellmu minnhom infushom. Għandu jingħad li espert jitqabbad meta jkun hemm bżonn xi ħadd tas-sengħa f'xi qasam partikolari li l-Qorti jkollha bżonn ħa jiġu ċċarati l-affarijiet. Mhux meħtieġ anqas li tiġi maħtura Inkjesta Maġisterjali pero' xejn ma jnaqqas li din tiġi maħtura.
>
> Illi, b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, jekk tkun ikkunsidrata x-xiehda tal-*Valuation Officer* waħidha u r-reqqa li biha wasal għall-valutazzjoni huwa biżżejjed li dan kien jaf biżżejjed dwar xiex kellu jagħmel il-valutazzjoni. M'hemmx dubju dwar l-ammont ta' sigaretti nvoluti u ta' liema *brand* kienu. Il-Prosekuzzjoni ppruvat dan kollu 'l hemm minn kull dubju raġonevoli

> b'dan illi l-prova xjentifika ta' espert li qed jinsistu fuqha l-appellanti ma kienx hemm bżonnha f'dan il-każ."

Illi s-sentenza appena ċitata kienet tirrigwarda sigaretti mentri din is-sentenza li qed tingħata llum tirrigwarda dak li suppost kien alkoħol. Għal kull buon fini jingħad li fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat ġew imniżżla s-segwenti kliem:

> "Is-sigaretti u x-xorb in kwistjoni, li ġew maqbuda bin-Nota ta' Qbid numru 65/2006 għandhom Valur, Dazju tas-Sisa, Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) kif jidher [...]." [emfażi miżjuda]

Illi jidher li l-kelma "is-sigaretti" fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant ġiet imniżżla bi żball. Din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Xuereb et** (Numru 166/2018) u li ġiet ċitata hawn fuq għandu jsib applikazzjoni f'dan il-każ ukoll. Minkejja dan, fl-atti proċesswali tal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti lanqas biss ġie eżebiet ritratt/ritratti ta' dak li ġie maqbud. Fl-assenza ta' Inkjesta Maġisterjali u fl-assenza li l-Ewwel Qorti tappunta espert sabiex jeżamina l-kontenut tal-fliexken maqbuda, kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tal-anqas tippreżenta ritratt/ritratti ta' dak li ġie maqbud li kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni fl-assiem tal-provi kollha hekk kif prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi meħud in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti quddiem l-Ewwel Qorti (inkluż il-fatt li ma ġie ppreżentat l-ebda ritratt kif hawn fuq imsemmi) huma fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti u dana speċjalment minħabba l-fatt li f'dan il-każ l-istqarrija tal-appellant ma għandhiex tiġi kkunsidrata u minħabba li dak li qal l-appellant allura imputat quddiem l-Ewwel Qorti ma wassal għal imkien.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għal Artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti, maqbuda minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju, jew għal raġuni oħra li ġġib magħha l-konfiska, inkella fi proċedimenti għall-ġbir ta' xi piena ta' flus jew xort'oħra skont din l-Ordinanza tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oġġetti kienx ġie mħallas, jew jekk dawk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi, jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oġġetti, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet il-prova tiegħu tmiss lill-persuna li tagħmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tiegħu jsir dak il-proċediment, skont il-każ."

Illi minn qari ta' Artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li l-prova li trid tagħmel il-Prosekuzzjoni hi li d-dazju ma tħallasx. Minn hemm 'il quddiem, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat biex jipprova jekk id-dazju li jmiss fuq l-oġġetti ġiex imħallas, jekk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oggetti. Biss pero' qabel ma tali oneru tal-prova jinxteħet fuq l-imputat, la darba l-Prosekuzzjoni trid tipprova li ma rriżultax li tħallas id-dazju, huwa necessarju li hija (il-Prosekuzzjoni) tipprova x'inhu l-oġġett li fuqu kellu jitħallas id-dazju. Dan ma jirriżultax li sar f'dan il-każ u b'hekk l-oneru tal-prova ma nteħitx fuq l-appellant allura imputat.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti jirriżultalha li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tal-appellant allura imputat. Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta sabet lill-appellant allura imputat ħati ta' dak li kien mixli bih quddiemha. B'hekk l-ewwel aggravju qed ikun milqugħ minħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li l-ewwel aggravju tal-appellant ġie milqugħ ma hemmx għalfejn li din il-Qorti tagħmel

il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji l-oħra mressqa minnu fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Gordon Grech, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**